**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Novembru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 283 / 15RGM

Kawza fil-lista: 19

**A B**
**vs**
**C B nee` D f'isimha proprju u b'digriet datat 11 ta' Ottubru 2016 bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri E B u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata fit-18 ta' Dicembru, 2009.

Illi minn din ir-relazzjoni bejn il-partijiet twieled iben wiehed li jismu Jayjay u liema iben llum ghandu sitt snin u jinsab illum fil-kura u l-kustodja tal-esponenti u mrobbi esklussivament mill-esponenti bl-ghajnuna ta' ommu.

Illi l-esponenti flimkien ma' ommu ilhom ghal dawn l-ahhar snin jiehdu hsieb il-bzonnijiet kollha tal-istess iben minuri sabiex tali minuri jitrabba fl-imhabba li tixraqlu u minghajr ma jkun jonqsu xejn anke mill-aspett finanzjarju u dana minghajr ebda ghajnuna jew kontribut iehor da parti tal-intimata.

Illi l-intimata rrendiet ruhha hatja ta' adulterju ingurji gravi, sevizzi u eccessi fil-konfront tal-esponenti u tal-iben minuri tant illi ghamlet diversi xhur barra minn Malta u/jew minghajr hadd ma jaf fejn qieghda- minghajr ma zammet ebda

kuntatt sahansitra ma' binha stess u kien biss matul l-istadju tal-medjazzjoni li, fuq insistenza tal-esponenti u tal-medjatrici regghet bdiet tiltaqa' mal-minuri fil-presenza tal-esponenti u anke f’dan ir-rigward kien hemm drabi li sahansitra lanqas ma ezercitat id-dritt taghha ta’ access kif miftiehem bejn il-partijiet u dana minghajr ebda gustifikazzjoni. Aktar ricentement l-istess intimata sahansitra ma baqghet tezercita l-access ghal-binha dana ukoll minghajr ma offriet qatt ebda gustifikazzjoni.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premessi surreferit iz-zwieg tfarrak irrimedjabilment tant illi il-partijiet ilhom jghixu separatament kwazi 3 snin.

Illi l-esponenti diga' istitwixxa proceduri ta’ separazzjoni mill-intimata C B nee' D liema proceduri jinsabu pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet A B pro et noe C B nee' D’ (Rik Nru. 229/2014).

Illi ricentement l-esponenti gie a konoxxenza tal-fatt illi l-istess intimata fi zmien meta l-partijiet kienu separati ‘de facto’ ikkoncepiet u welldet tarbija li jisimha E.

Illi kif jrrrizulta car mic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri (hawn anness u mmarkat Dok. ‘A’) l-esponenti gie indikat bhala missier it-tarbija dan minkejja l-fatt li l-istess esponenti ma seta' qatt ikun missierha proprju ghaliex fi zmien il-koncepiment taghha l-esponenti ma kienx ghad ikollu x’jaqsam mal-istess intimata C B-nee' D filwaqt illi l-partijiet kienu diga' separati ‘de facto’.

Illi l-fatt li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tal-esponenti ser jigi pruvat ukoll matul dawn il-proceduri permezz tat-testijiet xjentifici mehtiega.

Illi ghaldaqstant l-esponenti ghandu d-dritt illi jipprocedi ghac-cahda tal-paternita' tal-bint minuri a tenur tal-art. 70 et. seq. tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi ghaldaqstant l-esponenti talab li dina l-Onorabbli Qorli tawtorizzah sabiex jipprocedi bl-azzjoni odjerna liema talba giet milqugha permezz tad-drgriet datat 26 ta’ Awwissu 2015.

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

(l) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri E B m'hijiex it-tifla naturali tal-esponenti A B b’ mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija minuri f’dan is-sens;

(2) Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri E billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid il-konnotati kollha ta' l-attur A B u l-istess jigu sostitwiti b' dak it-taghrif illi jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti u/jew tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid ta' l-imsemmija tarbija minuri E, l-isem, u l-konnotati tal-esponenti kull fejn jirrikorru u minflok inizzel "missier mhux maghruf'.

Bl-ispejjez kontra l-intimata C B nee’ D minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti pprezentati mill-attur;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fis-16 ta' Frar 2016, li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, 1-esponent jirrileva li ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent, jidher li ghad irridu jigu mahtura kuraturi ad litem in rapprezentanza tal-fuq riferita minuri, E B skond id- disposizzjonijiet tal-Artikoli 781 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghall-premess, 1-esponent jeccepixxi illi trattasi minn kawza ta' denegata paternita’ tirrikjedi lir-rikorrent sabiex jipprova u jissodisfa talanqas wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, ikun idoneju illi din 1-Onorabbli Qorti jogghobha tordna li jigu mwettqa testijiet genetici fuq il-partijiet ikkoncernati ai termini tal-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ma jkunx hemm ekwivoci dwar il-paternita’ tal-fuq riferita minuri E B, u liema rapporti ghandhom jkunu guramentati mit-tekniku li jkun wettaq 1- imsemmija testijiet;

4. Illi bla hsara, fl-istess waqt ir-rikorrent jrid ukoll jeghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' 1-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li 1-pussess ta' stat tal-minuri E B ma' jaqbilx ma' 1-att tat-twelid taghha, li jgib in-numru progressiv ta' hamest elef, tmien mija, sebgha u erbghin (5847) tas-sena elfejn u erbatax (2014);

5. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, jekk jintlaqghu t-talbiet tar- rikorrent, 1-esponent xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri E B, illi jekk huwa maghruf jigi zvelat 1-isem ezatt tal-missier naturali tal-imsemmija minuri, halli b'hekk il-missier naturali rispettiv tal- imsemmija minuri jkun jista jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni ta' 1- Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Di fatti huwa opportun u xieraq li 1-imsemmija minuri tal-inqas ghandha tkun taf min huwa 1-missier naturali taghha;

6. Illi bla hsara ghas-suespost, f'kaz li tintlaqa' 1-eccezzjoni numru hamsa (5) surreferita, 1-esponent jinvita lill-missier naturali tal-minuri E B sabiex, permezz ta' nota, jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) In-numru tal-karta tal-Identita, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta tieghu meta twieldet il-minuri E B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet 1-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk 1-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet 1-imsemmija minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferita minuri E B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv ta' hamest elef, tmien mija, sebgha u erbghin (5847) tas-sena elfejn u erbatax (2014);

7. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal premess, f'kaz li din 1-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu u jispecifikaw b'mod definittiv liema kunjom ha tibda tassumi 1- minuri E B a tenur tat-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Illi inoltre, bla pregudizzju, fit-talba tieghu r-rikorrent **ma talabx sabiex din 1-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba mir-rikorrent fuq l-att tat-twelid relattiv.** [Enfasi tal-esponent]. Huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa vestit bis-setgha li jirregistra jew isewwi Atti ta' 1-Istatus Civili a tenur ta' 1-Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal- Ligijiet ta' Malta. It-talba kif postulata mir-rikorrent ma titlob 1-ebda obbligu da parti ta' 1-esponent. Isegwi ghalhekk li t-talba f'dan ir-rigward kellha ssir fis-sens fejn *"jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija rikjesta fl-att tat-twelid tal-minuri E B."*

9. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, 1-esponent jirrileva illi din l-Onorabbli Qorti ghandha ukoll jekk joghgobha tordna li jigu mnehhija 1-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar 1-omm mill-Att tat-Twelid tal-minuri E B, li jgib in-numru progressiv ta' hamest elef, tmien mija, sebgha u erbghin (5847) tas-sena elfejn u erbatax (2014);
10. Illi minghajr hsara ghas-suespost ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza 1-esponent jistqarr illi mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u ghas-savju gudizzju ta' din 1-Onorabbli Qorti, salv pero li 1-provi migjuba jkunu 1-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

11. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, 1-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, 1-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal

xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' 1-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat id-dokumenti pprezentati mill-attur, inkluz kopja tad-digriet taghha tas-26 ta' Awwissu 2015, li permezz tieghu awtorizzatu jipprocedi bl-azzjoni odjerna;[1]

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2016 fil-kawza bin-numru 229/14, li permezz tieghu innominat lil Dr Marisa Cassar  sabiex televa kampjuni minn fuq A B, C B u l-minuri E B.

Rat l-affidavit ipprezentat minn Dr Marisa Cassar, flimkien ma' kopji tal-karti tal-identita`, ritratt ta' E B, kif ukoll rapport li jikkonferma li l-attur A B mhux il-missier naturali ta' E B;[2]

Rat id-digriet taghha datat 11 ta' Ottubru 2016 li permezz tieghu innominat lill-konvenuta bhala  kuratrici ad litem ta' bintha minuri E B;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li t-tifla E B li twieldet fin-19 ta' Novembru 2014 li fl-att tat-twelid bin-numru 5847/2014 giet registrata bhala bintu, ma hijiex il-wild naturali tieghu.

L-attur jippremetti li huwa kien izzewweg lill-konvenuta C B fit-18 ta' Dicembru 2009 u kellhom tifel jismu Jayjay. Ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet u xi zmien wara, l-attur sar jaf illi fiz-zmien li kienu diga sseparaw *de facto*, l-konvenuta kkoncepiet u welldet tarbija li jisimha E.

1 Dok B a fol 8
2 Fol 24

Il-konvenuta C B xehdet waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia tal-5 ta' Ottubru 2016 filwaqt li ma zvelatx min fil-fehma taghha huwa missier il-minuri uriet li taqbel li l-minuri ma hux iben l-attur.

Il-Qorti tinnota li t-tezi tal-attur issib suffragju fir-rapport xjentifiku pprezentat minn Dr Marisa Cassar li ma jhalli ebda dubju illi l-minuri E B ma hijiex il-wild naturali tieghu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-azzjoni ta' denegata paternita' bhal ma hi dik odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 75 tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:-

*'(1) L-azzjoni sabiex tincahad il-paternita ghandha titmexxa -*
*(a) kontra t-tifel jekk ikun tal-eta; jew*
*(b) jekk ma jkunx tal-eta jew ghal raguni ohra ma jkunx tajjeb biex joqghod f'kawza kontra kuratur mahtur mill-Qorti li quddiemha tingieb il-kawza: izda l-Qorti tista' tahtar it-tutur li t-tifel ga jkollu;*

*(2) F'kull kaz, l-omm ghandha tigi msejha fil-kawza.'*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attur hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid, il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-denegata paternita` twassal ghal krejazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Din il-Qorti tinnota illi r-rekwiziti legali sabiex l-azzjoni tal-attur tirnexxi gew sodisfatti, u ghalhekk it-talbiet tieghu jimmeritaw li jigu akkolti.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-mod kif hawn deciz, tilqa' t-talbiet tal-attur u:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri E B li twieldet fid-19 ta' Novembru 2014 ma hijiex il-bint naturali tal-attur.

2. Tilqa' t-tieni talba, tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni hamsa tmienja erba` seba` tal-elfejn u erbatax (5847/2014) fis-sens illi fil-kolonni li jispecifikaw id-dettalji dwar missier il-minuri, id-dettalji tal-attur jigu kollha kancellati, u jigu kancellati il-kliem "the said" li jinsabu qabel isem A B,

senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, u jigu minflok imnizzla l-kliem “missier mhux maghruf”.

3. Tordna li l-minuri ghandu jkun maghruf bil-kunjom “B D”

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**